MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 94/2000/1

Victor Muscat

vs

Coronato u Antonia konjugi Calleja

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur li permezz tieghu talab, prevja okkorrendo illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw ir-raba msejha "Tas-Seqer" fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex, tal-kejl ta' 1498 m.k. tmiss nofsinhar ma' beni ta' Anton Mizzi, punent ma' beni ta' Joseph Formosa, u lvant ma' beni ta' Celest Cordina minghajr ebda titolu validu fil-ligi, li jigu kkundannati jizgumbraw minn dina r-raba u jhallu l-pussess vakanti taghha a favur tal-attur;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenuti; bl-ingunjoni ghas-

subizzjoni u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tar-raba ma jeccedix Lm10 fis-sena.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

- illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-eccipjenti qed jiddetjenu l-art oggett ta' din il-kawza b'titolu validu skond il-ligi u cioe' ta' qbiela;
- illi konsegwentement din c-citazzjoni ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza hija wahda ta' zgumbrament miltluba mill-attur kontra l-konvenuti fuq il-kawzali li qeghdin jokkupaw l-ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Il-konvenuti opponew ghat-talba billi allegaw li jiddetjenu titolu validu skond il-ligi, cjoe', titolu ta' qbiela. Huwa bil-wisq manifest li ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni, voldieri, jekk jezistix titolu validu, il-kompetenza taqa' fl-ambitu tal-mansjonijiet ta' din il-Qorti li wahedha ghandha gurisdizzjoni. L-ghalqa in kwistjoni hi dik maghrufa bhala "Tas-Seqer", limiti Victoria, Ghawdex, tal-kejl ta' 1498 m.k tmiss nofsinhar ma' beni ta' Anton Mizzi, punent ma' beni ta' Joseph Formosa u lvant ma' beni ta' Celest Cordina. Mill-atti processwali jirrizulta illi l-ghalqa kienet originarjament proprjeta' ta' Vincent u Rosanna konjugi Muscat, genituri tal-attur, li mietu rispettivament fis-17 ta' Marzu tal-1971 u fil-5 ta' Awissu 1982. Cert li mal-mewt tal-ahhar mill-konjugi l-ghalqa ghaddiet in proprjeta' b'wirt fuq uliedhom u ipperveniet lill-attur in pjena u assoluta proprjeta' b'att ta' divizjoni in atti Nutar George Pisani tat-3 ta' Gunju 1992.

Il-fatti mhux kontestati jaffermaw illi l-ghalqa nkriet inizjalment mill-imsemmi Vincent Muscat lil certu Luigi Grech li jigi missier il-konvenuta Antonia Calleja. Ir-ricevuti tal-qbiela esebiti in atti jattestaw ghall-fatt li sal-15 ta' Awissu 1970 il-qbiela thalset. Imbaghad hemm perjodu ta' snin li jirrisali sas-sena 1991 li dwarhom m'hemm ebda ricevuti esebiti u hemm ricevuta ta' qbiela ghas-sena 1992. B'referenza ghal dan appena nghad l-konvenut stqarr li r-ricevuti ghall-perjodu 1971/1991 tilifhom izda afferma li l-qbiela dejjem thalset u dwar daqshekk din il-Qorti hi sodisfatta mill-assiem tal-provi li hekk hu. Jirrizulta oltre li wara l-ahhar ricevuta, cjoe' tan-1992, esebita folio 10, il-flus bdew jigu depositati l-qorti meta allura l-attur kien sar il-proprjetarju tal-ghalqa. L-attur ma jopponix li l-ghalqa kienet bi qbiela ghand missier il-konvenuta jghid pero' illi qabel ma ltaqghu l-ahwa biex jaqsmu ohtu Giuseppa kienet stqarret li l-konvenut qatt ma kien kellimha u lanqas qatt kien hallas il-qbiela. Din Giuseppa Muscat. li hu accertat kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-wirt qabel ma gie diviz u li fid-deposizzjoni taghha cahdet il-firem taghha fuq id-dokumenti folio 55 u 56. semplicement tghid li l-qbiela dejjem gabarha missierha u wara mewtu ommha li kif gja accennat fuq mietet fin-1982.

Issa l-Qorti qatt ma giet mitluba tahtar espert kaligrafiku mill-attur li fuqu kien jinkombi l-oneru li jipprova li l-firma ta' ohtu ma kinitx taghha.  Li tista' tghid il-Qorti hu li l-firma ta' oht l-attur fuq id-dokument folio 55 hija kontrasenjata minn xhud ta' Kappillan u hemm xebh sinifikant mal-firma taghha folio 66.

Ikkonsidrat:

Illi a propositu tad-dokument folio 55 (esebit ukoll folio 36) ir-rilevanza tieghu hija manifesta ghal dak li jiddikjara u in kontraposizzjoni ghas-sottomissjonijiet tal-attur li l-konvenut ma gie qatt rikonoxxut fil-qbiela.  Dan id-dokument juri proprju l-oppost anka ghaliex f'kull kaz u ghab-bazi ta' dak li jirrizulta, anka fuq bazi ta'

verosimiljanza u probabbilita', d-dikjaranti fuq dak id-dokument kienet komproprjetarja tal-ghalqa dak iz-zmien, mohnija bil-fakolta' fil-ligi li anka tikri salv ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 1527 tal-Kodici Civili.

Illi targa' u tghid l-imsemmija Giuseppa Muscat fid-deposizzjoni taghha mkien ma affermat direttament li l-konvenut ma kienx hallas qbiela ghall-perjodu li fih huma nieqsa r-ricevuti; tghidu biss b'implikazzjoni. Din il-Qorti pero' kif gja accennat fuq hi sodisfatta mill-asiem tal-provi li anka f'dan il-perjodu l-qbiela kienet tithallas.

Ghaldqastant issib li l-attur naqas li jipprova in-nuqqas ta' titolu tal-konvenuti fuq l-ghalqa meritu l-kawza u konsegwentement qeghdha tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjez kontra tieghu u tirriservalu kull dritt ta' azzjoni lilu spettanti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------